


# IN-NETWERK TAL-LOGĦBA TAT-TRAFFIKU

Gazzetta Elettronika Nazzjonali
Ħarġa nr.1, April 2014

## Il-Logħba tat-Traffiku li hi mxerrda madwar l-Ewropa.

Wara li l-Logħba tat-Traffiku kellha suċċess fi Flanders (il-Belġjum), fl-Awstrija u fl-Olanda, Malta se tidħol f'dan il-grupp ta' pajjiżi, sabiex b'hekk mis-sena skolastika li jmiss din il-logħba tkun tista' tintlagħab ukoll f'Malta. Din il-kampanja se tiġi implimentata f'mill-inqas 18-il pajjiż Ewropew. L-għan ta' din il-logħba hu li tinkoraġġixxi lit-tfal iż-żgħar u lill-ġenituri tagħhom, sabiex minflok bil-karozza jmorru l-iskola bil-mixi, jew bir-rota, jew inkella jagħmlu użu mit-trasport pubbliku. Il-laqgħa ta' ftuħ għal dan il-grupp ġdid ta' netwerk għal din il-logħba, saret fis-27 u fit-28 ta' Marzu ġewwa Leuven, fil-Belġjum




**L-Imsieħba li kienu preżenti għall-bidu ta' dan in-netwerk, ġewwa Leuven**

## Il-Kuntest

Il-Logħba tat-Traffiku nħolqot mill-*Mobiel 21* u bdiet bħala kampanja żgħira ġewwa Flanders fil-Belġjum, b'numru żgħir ta' skejjel involuti. L-evidenza turi li l-kampanja verament żdiedet fil-modi sostenibbli tat-trasport u naqqset mis-*CO2*. Illum, ġewwa l-Flanders, kull sena, din il-kampanja qed tilħaq madwar 1,000 skola, 200,000 student u 150,000 familja. Bħalissa, hemm tmintax-il pajjiż li qegħdin jippjanaw sabiex joħorġu bil-verżjoni tagħhom ta' din l-istrateġija li kienet suċċess u li din

trid tinkoraġġixxi lill-ġenituri biex isibu alternattivi oħra minflok il-karozza, biex ikunu jistgħu jivvjaġġaw mid-dar għall-iskola. Il-kampanja hi waħda ta' gost, effettiva u faċli biex timplimentaha.

## Logħba faċli imma effettiva

Fuq medda ta' ħmistax, it-tfal kull darba li jivvjaġġaw għall-iskola b'xi mod sostenibbli (mixi, sewqan tar-rota, transport pubbliku, jivvjaġġaw b'karozza waħda) ipinġu t-tikek fuq il-kartellun. Fil-bidu tal-perjodu tal-kampanja, kull skola tagħmel il-miri tagħha. L-għan hu li fl-aħħar tal-kampanja, il-kartellun tal-Logħba tat-Traffiku jimtela kollu tikek. Meta jaslu sa ċertu punt fil-kartellun, it-tfal jingħataw premju. Il-Premjijiet jistgħu jinkludu: ma jkollhomx xogħol għad-dar jew inkella jkollhom ħmistax-il minuta żejda biex jilagħbu. Meta mbagħad it-tfal jilħqu ras is-serp, jingħataw rigal ikbar, talli jkunu laħqu l-miri tagħhom eż: post fejn jerfgħu r-rota jew dawra bil-mixi jew bir-roti. Tliet ġimgħat wara li tintlagħab il- logħba, ir-riżultati tal-kampanja jiġu evalwati u analizzati.

## Il-Miri

Il-Logħba tat-Traffiku għandha l-għan li tkun il-bidu ta' storja ta' suċċess fl-Unjoni Ewropea. Għall-ewwel tliet snin, il-kampanja internazzjonali se tibda b'mod moderat, bl-għan li tiġi implimentata f'mill-inqas 3 lokalitiajiet u 60 skola f'kull pajjiż. Dan se jwassal sabiex aktar minn 1000 skola ġdida minn madwar l-Ewropa, tiġi mħajra sabiex tingħaqad f'din il-kampanja. L-għan ta' din il-kampanja hu li jkun hemm żieda ta' 15% fuq il-Vjaġġi sostenibbli, li jitqabblu mat-tnaqqis tas-*CO2*. Dan kollu iwassal biex ikun hemm tnaqqis ta' 2,500,000 kilometru ta' sewqan ta' karozzi, b'vantaġġ fuq il-mixi u fuq is-sewqan tar-roti. Iktar kemm il-kampanja tikber, iktar tkun tista' tilħaq miljuni ta' tfal.

## Punti Ċentrali Nazzjonali

In-Netwerk il-ġdida tal-Logħba tat-Traffiku ġie stabbilta sabiex il-logħba tkun tista' tinxtered u jkun hemm aktar prattika madwar l-Ewropa. Din in-netwerk, flimkien mal-Punti Ċentrali Nazzjonali f'kull pajjiż, ser tirreplika, tagħmel trasferiment u tespandi l-iżvilupp tal-kampanja. Aħna bħala Paragon Europe, għandna l-unur li se nkunu ċ-Ċentru Nazzjonali ta' Malta.

In-Netwerk *TSG* hija mmexxija minn *Mobiel 21* (Belġjum), mal-imsieħba *WYG Ltd* (Ingliterra), il-Konsulenti *DTV* (Olanda), Assoċjazzjoni taċ-Ċittadini Mobbli (Portugal), Konsultazzjoni tal-Proġett Ewropej (Franza), Klabb "Żvilupp Sostenibbli tas-Soċjetà Ċivili" (Bulgarija), Istitut tal-Edukazzjoni tat-Traffiku (Awstrija), Ċentru tar-Riċerka tat-Trasport (Repubblika Ċeka), Ċentru tas-Sorsi ta' Enerġija Sostenibbli u t-tfaddil tagħhom (*EL*), *Paragon Europe* (Malta), *SINERGIJA* (Żvizzerija), Grupp tal-Istudji u tal-Alternattivi 21 (Spanja), Ċentru tal-Ambjent Reġjonali (Ungerija), *Empreintes asbl* (Belġjum), In-Netwerk tal-Ibliet tal-Enerġija fir-Rumanija (Rumanija), *Euromobility* (Italja), Ċentru Ambjentali tal-Amministrazzjoni u Teknoloġija (Litwanja), u *Rupprecht Consult* (Ġermanja).

## Ingħaqad mal-Kampanja l-Logħba tat-Traffiku

Dawk il-lokalitiajiet, , skejjel u organizzazzjonijiet li jixtiequ jingħaqdu f'din il-kampanja jistgħu jikkuntatjawna għal aktar informazzjoni fuq:.

Ms. Roberta Gatt
Paragon Europe,
+35620106426
+35679872664
Roberta.Gatt@paragoneurope.eu.

Żuru s-sit tagħna: [www.trafficsnakegame.eu](http://www.trafficsnakegame.eu)

---

**This newsletter is published by Mobiel 21 and translated by Paragon Europe on the behalf of the Traffic Snake Game Network Project.**

**If you want to subscribe to this newsletter or don't want to receive it anymore, please contact Roberta.Gatt@paragoneurope.eu.**

**The sole responsibility for the content of this document lies with the authors. It does not necessarily reflect the opinion of the European Union. Neither the EASME nor the European Commission are responsible for any use that may be made of the information contained herein.**

Co-funded by the Intelligent Energy Europe Programme of the European Union